IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2019
COM(2019) 920 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar il-missjoni ta' sorveljanza msaħħa fl-Ungerija fis-26 ta' Settembru 2019

Dan ir-rapport dwar missjoni ta' sorveljanza msaħħa fl-Ungerija huwa trażmess lill-Kunsill skont l-Artikolu -11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97[1]. Kif previst mill-Artikolu -11(5) tar-regolament (KE) Nru 1466/97, is-sejbiet proviżorji ta' dik il-missjoni kienu preċedentement trażmessi lill-awtoritajiet Ungeriżi għall-kummenti.

L-Ungerija - Proċedura ta' Devjazzjoni Sinifikanti

Missjoni ta' sorveljanza msaħħa, is-26 ta' Settembru 2019

Rapport

1. Introduzzjoni

L-Ungerija ilha taħt il-proċeduri ta' devjazzjoni sinifikanti mir-rebbiegħa tal-2018. F'Ġunju 2018 il-Kunsill sab, f'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat, li kien hemm devjazzjoni sinifikanti osservata mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2017. Il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni li titlob lill-Ungerija biex tieħu l-miżuri ta' politika meħtieġa biex tindirizza d-devjazzjoni. F'Diċembru 2018, il-Kunsill ikkonkluda li l-Ungerija ma ħadet l-ebda azzjoni effettiva u ħareġ rakkomandazzjoni riveduta. Madankollu, l-Ungerija lanqas ma ħadet l-ebda azzjoni effettiva biex tindirizza r-rakkomandazzjoni riveduta[2].

In-nuqqas ta' konformità mal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2018 wasslet għall-ftuħ ta' SDP ġdida f'Ġunju 2019. Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ħarġet twissija lill-Ungerija li fl-2018 kienet reġgħet iddevjat mill-perkors ta' aġġustament għall-objettiv baġitarju fuq terminu medju u pproponiet lill-Kunsill biex iniedi proċedura ġdida ta' devjazzjoni sinjifikanti. Il-Kunsill talab lill-Ungerija biex tieħu miżuri biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx 3,3 % fl-2019 u 4,7 % fl-2020, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG fl-2019 u 0,75 % tal-PDG fl-2020, bl-isforz strutturali rakkomandat fl-2020 *li jiddependi fuq il-konformità mal-aġġustament mitlub fl-2019.*

Sal-lum ma hemm l-ebda indikazzjoni rigward kwalunkwe azzjoni korrettiva addizzjonali ppjanata mill-awtoritajiet b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-2019. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni stenna li d-defiċit fl-2019 jinżel għal 1,8 % tal-PDG, minn 2,2 % tal-PDG fl-2018, f'konformità mal-mira tal-awtoritajiet inkluża fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019. Madankollu, l-isforz fiskali stmat għall-2019 indika nuqqas ta' konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. L-indikaturi makroekonomiċi rilaxxati għall-ewwel nofs tal-2019 juru ambjent makroekonomiku aħjar milli mistenni fl-2019, b'kemm it-tkabbir tal-PDG reali kif ukoll dak nominali li huwa aħjar mill-previżjonijiet tal-awtoritajiet u tal-Kummissjoni. Il-konsum privat ibbenefika minn suq tax-xogħol b'saħħtu u t-tnaqqis ulterjuri fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi. Dan irriżulta f'*data* baġitarja favorevoli għall-2019, li tindika defiċit fiskali ta' 1,8 % tal-PDG li jista' jintlaħaq, jiġifieri f'konformità mal-mira tal-awtoritajiet. Madankollu, l-ebda miżura addizzjonali għall-2019 ma ġiet adottata b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Il-baġit tal-2020, adottat fit-12 ta' Lulju 2019, irreveda l-mira tad-defiċit fiskali għal 1 % tal-PDG, li naqas minn 1,5 % fil-pjanijiet preċedenti. Il-baġit ma setax jitqies fil-valutazzjoni tar-rebbiegħa peress li ġie adottat wara d-data tal-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill. Il-mira tad-defiċit tal-2020 hija stabbilita fil-baġit għal 1 % tal-PDG, 0,5 pp inqas mill-mira ta' 1,5 % tal-PDG

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1

[2] Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u dokumenti oħra relatati mal-proċedura ta' devjazzjoni sinjifikanti huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-and-fiscal-policy-coordination/eu-economic-governance-monitoring-prevention-correction/stability-and-growth-pact/preventive-arm/significant-deviation-procedure_en#hungary

inkluża fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019 li ġie ppubblikat fi tmiem April. Din il-mira ta' defiċit aktar baxxa tintlaħaq prinċipalment minn dħul mit-taxxa li kien aħjar minn dak previst preċedentement u nefqa aktar baxxa minħabba tnaqqis fl-investiment. Fl-istess ħin, il-baġit tal-2020 jinkludi wkoll il-miżuri ta' espansjoni li jinsabu fil-"Pjan ta' Azzjoni għall-Protezzjoni Ekonomika" li l-gvern adotta fit-30 ta' Mejju 2019.

Il-missjoni ta' sorveljanza msaħħa mill-Kummissjoni saret fis-26 ta' Settembru 2019. Il-missjoni twettqet fuq il-bażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) 1466/97. Il-missjoni ltaqgħet mas-Segretarju tal-Istat għall-finanzi pubbliċi fil-Ministeru tal-Finanzi, is-Sur Peter Beno Banai; id-direttur eżekuttiv responsabbli għal kwistjonijiet ta' xjenzi ekonomiċi u ta' prijorità mal-Magyar Nemzeti Bank, is-Sur Daniel Palotai; u l-President tal-Kunsill Fiskali, is-Sur Arpas Kovacs. L-għan tal-missjoni kien li tirċievi informazzjoni dettaljata dwar l-iżviluppi fiskali fl-2019 u dwar il-baġit tal-2020 adottat mill-awtoritajiet f'Lulju 2019, l-azzjonijiet fiskali ppjanati mill-awtoritajiet, u biex tindika riskji fiskali relatati mat-tnaqqis mistenni fir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku u biex tinkoraġġixxi l-konformità mar-rakkomandazzjoni tal-proċedura ta' devjazzjoni sinjifikanti. Dan ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni miksuba qabel u matul il-missjoni.

2. Is-sejbiet tal-missjoni

Id-delegazzjoni tal-Kummissjoni nnutat li l-ekonomija tinsab fi żminijiet tajbin, b'titjib fis-sitwazzjoni fiskali globali (kemm id-defiċit ġenerali tal-gvern kif ukoll it-tnaqqis tad-dejn). Il-missjoni rrikonoxxiet il-prestazzjoni makroekonomika tajba tal-Ungerija fl-2018 u fl-ewwel nofs tal-2019. Flimkien mal-mira fiskali ambizzjuża ġdida għall-2020, dawn l-iżviluppi jindikaw titjib meta mqabbel ma' dawn l-aħħar snin. Madankollu, jekk inħarsu 'l quddiem, kemm il-fatturi esterni kif ukoll dawk ċikliċi, li kienu qed jappoġġaw it-tkabbir f'dawn l-aħħar snin, huma mistennija li gradwalment jitherrew, wara t-tnaqqis f'xi ekonomiji ewlenin tal-Punent u f'setturi li għandhom rwol dejjem aktar importanti għall-ekonomija Ungeriża. L-awtoritajiet Ungeriżi qablu li, f'kuntest ta' tnaqqis fit-tkabbir tal-UE, se jkun ta' sfida għall-Ungerija biex iżżomm ir-rati ta' tkabbir osservati f'dawn l-aħħar snin, u rrikonoxxiet li t-tħassib ewlieni tal-gvern Ungeriż kien it-tkabbir futur aktar milli l-politika fiskali. Fl-aħħar nett, il-missjoni fakkret fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill indirizzata lill-Ungerija, li tindika l-ħtieġa li tinħataf l-opportunità tal-momentum pożittiv biex tiġi żgurata l-pożizzjoni fiskali tagħha u jitnaqqas aktar id-dejn ġenerali tal-gvern.

Minkejja d-*data* makroekonomika u fiskali li kienet aħjar milli mistenni s'issa, l-awtoritajiet ikkonfermaw li mhumiex qed jippjanaw li jirrevedu l-mira tad-defiċit tagħhom għall-2019 u lanqas li jnaqqsu aktar id-dejn pubbliku. Fl-2019, l-awtoritajiet biħsiebhom li jżommu mal-mira inizjali tagħhom ta' defiċit ġenerali tal-gvern ta' 1,8 % tal-PGD kif stabbilit fil-baġit tal-2019 approvat f'Lulju 2018 u kkonfermat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019. Meta mqabbel mal-baġit approvat oriġinarjament tal-2019, hemm dħulijiet addizzjonali sinifikanti. Fl-istess ħin, dawn huma mistennija li jiġu assorbiti għalkollox b'nefqa ogħla, b'mod partikolari, bil-korrezzjoni finanzjarja fuq fondi tal-UE reċentement maqbula mal-Kummissjoni relatata mal-użu frodulenti tal-fondi tal-UE. Il-korrezzjoni fl-2019 hija relatata ma' proġetti implimentati matul il-perjodu mill-2017 sal-2019 u hija mistennija li tiddeterjora l-bilanċ baġitarju b' 0,3 % tal-PDG. L-ammont rimanenti tal-korrezzjoni finanzjarja, jiġifieri madwar 0,3 % tal-PDG se jonqos fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-"programm demografiku" (wara kemm numru ta' talbiet ogħla kif ukoll valur medju ogħla tas-self mitlub qabel it-twelid) huwa mistenni li jkun ogħla milli ppjanat. Għal dawn tal-aħħar, l-awtoritajiet żiedu wkoll l-istima għas-sena ta' wara.

L-awtoritajiet irrikonoxxew l-infiq rikorrenti ta' tmiem is-sena, madankollu, huma indikaw li d-daqs tiegħu naqas is-sena li għaddiet, filwaqt li tqieset ir-Rakkomandazzjoni tal-proċedura ta' devjazzjoni sinjifikanti. Matul dawn l-aħħar tliet snin (2016-2018), l-awtoritajiet ibbażaw il-baġit

tagħhom fuq projezzjonijiet fiskali b'mod sistematiku u wżaw l-ispazju fiskali akkumulat matul is-sena fuq infiq ta' tmiem is-sena mhux ibbaġitjata. L-awtoritajiet Ungeriżi indikaw li dawn in-nefqiet ta' tmiem is-sena kienu nfiq mhux rikorrenti fuq l-investiment u li, fl-aħħar tal-2018, il-gvern iddeċieda li ma jużax l-ispazju kollu għall-immanuvrar li kien disponibbli, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-proċedura ta' devjazzjoni sinjifikanti. Mingħajr dan l-infiq, il-pożizzjoni fiskali setgħet tkun aħjar.

Il-mira tad-defiċit tal-2020 hija aktar ambizzjuża minn dik li kienet ippjanata qabel, bl-użu ta' żminijiet tajbin biex tiġi aċċellerata l-konsolidazzjoni fiskali kif irrakkomandat mill-Kunsill. Il-baġit tal-2020 irreveda l-mira tad-defiċit għal 1 % tal-PDG, li jagħmilha aktar ambizzjuża mill-mira ta' 1,5 % tal-PDG indikata fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019. L-awtoritajiet enfasizzaw ix-xenarju makroekonomiku aħjar milli kien mistenni, il-miżuri biex tiżdied il-konformità mar-regoli tat-taxxa li għad iridu jiġu definiti u t-trażżin tal-infiq bħala fatturi ewlenin biex tiġi żgurata l-kisba tal-mira fiskali aktar ambizzjuża għall-2020. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet żammew l-2023 bħala s-sena li fiha għandhom l-għan li jilħqu baġit ibbilanċjat f'termini nominali. Għalhekk, il-mira riveduta ta' żbilanċ għall-2020 timplika triq aktar mgħaġġla lejn din il-mira. Jiġifieri, l-awtoritajiet jimmiraw lejn defiċit ta' 0,7 %, 0,4 % u 0,0 % tal-PDG għall-2021, l-2022 u l-2023, rispettivament. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019, it-trajettorja tad-defiċit kienet ippjanata għal 1,2 % u 0,5 % u 0,0 % tal-PDG għall-istess snin. B'mod ġenerali, skont il-kalkoli tal-Ministeru tal-Finanzi, il-miri ewlenin il-ġodda jimplikaw, għall-2020, titjib akbar f'termini strutturali mill-isforz irrakkomandat mill-Kunsill, u l-qbiż tal-objettivi tal-objettiv baġitarju ta' terminu medju – stabbilit bħala defiċit strutturali ta' 1,0 % tal-PDG – diġà fl-2021.

L-awtoritajiet jistennew dħul sinifikanti ogħla minn dak ibbaġitjat fl-2019, b'effett ta' bażi pożittiv fl-2020. Il-projezzjoni ta' dħul fl-2020 hija biss parzjalment ibbażata fuq dħul diskrezzjonali jew miżuri ta' nfiq, bl-unika miżura li għadha kemm ġiet speċifikata tkun żieda fid-dazji tas-sisa. Filwaqt li x-xenarju makroekonomiku ma ġiex rivedut mill-awtoritajiet, it-tkabbir fid-dħul diġà jqis id-dħul ogħla mistenni fl-2019, b'effett bażi pożittiv sinifikanti għall-2020. Madankollu, għadu mhux ċar jekk humiex se jiġu introdotti miżuri ġodda u jekk iva, f'liema mument.

L-awtoritajiet qed jaħdmu fuq miżuri ġodda biex iżidu l-konformità mar-regoli tat-taxxa u jrażżnu l-ekonomija klandestina, mingħajr ebda skeda ta' żmien ċara għall-adozzjoni. Miżuri ġodda se jibnu fuq is-suċċess ta' miżuri simili li ddaħħlu f'dawn l-aħħar snin. L-awtoritajiet enfasizzaw it-tnaqqis impressjonanti fid-diskrepanza tal-VAT li hija stmata li naqset minn 21 % fl-2013 għal 9 % fl-2018, ferm anqas mill-medja tal-UE ta' madwar 10 % (sors: Il-Kummissjoni Ewropea). B'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' fatturazzjoni onlajn għal kumpaniji ewlenin f'Lulju 2018 hija stmata li kkontribwixxiet għat-tnaqqis tad-diskrepanza tal-VAT, u l-miżura hija mistennija li jkollha effett ta' trasferiment fl-2019. Għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, fl-2013 l-awtoritajiet introduċew żewġ skemi ta' taxxa simplifikati (Kata u Kiva) immirati lejn il-ġlieda kontra l-ekonomija klandestina li s'issa kienu pjuttost ta' suċċess fil-ġbir tad-dħul. L-awtoritajiet bħalissa qed jaħdmu fuq żewġ fronti: (i) miżuri ġodda biex tiġi miġġielda l-ekonomija klandestina, pereżempju inċentivi għall-użu ta' mezzi elettroniċi ta' pagament; u (ii) li jiġu ssimplifikati l-obbligi tat-taxxa amministrattiva għall-intrapriżi stmati, fost l-oħrajn, biex jitnaqqas l-għadd ta' sigħat li l-kumpaniji jenħtieġu fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtar tat-taxxa (mill-277 attwali (Sors: Il-ħlas tat-taxxi fl-2019, PwC) għal inqas minn 100 siegħa) u l-introduzzjoni tas-sistema tal-VAT li timtela minn qabel, b'mod tentattiv fl-2021. L-awtoritajiet għadhom ma setgħux jiżvelaw id-dettalji tal-miżuri l-ġodda, filwaqt li dwar l-iskeda ta' żmien, fil-fehma tagħhom modifika tal-kont tat-taxxa tista' tibda fil-ħarifa tal-2019, li tagħmel il-miżuri effettivi fit-tieni nofs tal-2020.

Il-konsolidazzjoni fiskali fl-2020 hija mistennija li tinkiseb l-aktar bis-saħħa ta' evoluzzjoni mbassra ta' partiti ta' nfiq. Il-baġit tal-2020 speċifika l-limiti tal-infiq, fejn il-qasam ewlieni ta' tnaqqis fl-infiq huwa l-investiment pubbliku, speċjalment fis-settur tal-kostruzzjoni (bini) li jinsab f'fażi ta' tkabbir qawwi. It-tnaqqis ta' proġetti ffinanzjati mill-Istat mhuwiex mistenni li jkollu xi impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku peress li hemm restrizzjonijiet ta' kapaċità osservati fin-naħa tal-provvista tal-ekonomija u l-qligħ mistenni minn investimenti privati. Bħala eżempju tal-proġetti li ġew maqtugħa, l-awtoritajiet semmew il-Programm tal-Belt Moderna, b'nefqa aktar baxxa milli mistenni fl-2020 (minn HUF 135 biljun stmati inizjalment għal HUF 85 bn). Fl-istess ħin, elementi oħra tan-nefqa kienu mistennija li jkunu aktar dinamiċi, pereżempju minħabba l-adozzjoni ogħla tal-"programm demografiku" u l-estensjoni tal-programm ta' akkomodazzjoni.

L-awtoritajiet enfasizzaw li l-baġit tal-2020 jinkludi livell ta' riżervi għoli aktar mis-soltu u li, bl-esklużjoni ta' dawn ir-riżervi, il-baġit jista' ikun ibbilanċjat. Il-mira ta' defiċit ta' 1 % tal-PDG għall-2020 tinkludi livell sinifikanti ta' riżervi baġitarji, li jammontaw għal 1 % tal-PDG (kontra 0,5 % tal-PDG fl-2019). Kumplessivament, ir-riżervi totali huma stabbiliti għal 1,4 % tal-PDG, kontra 0,8 % tal-PDG fl-2019. Iż-żieda meta mqabbla mas-sena preċedenti hija dovuta għal hekk imsejjaħ "Fond ta' Protezzjoni tal-Pajjiż" ogħla b'mod sinifikanti, li huwa stabbilit għal kważi 0,8 % tal-PDG, meta mqabbel ma' 0,1 % tal-PDG fl-2019. L-awtoritajiet enfasizzaw li l-ammont kbir ta' riżervi jista' jkopri r-riskji addizzjonali potenzjali fix-xenarju tar-riskju. Ir-riskji ewlenin kienu li jirriżultaw minn żviluppi makroekonomiċi li possibbilment kienu agħar milli mistenni kif ukoll minn infiq ogħla milli kien ibbaġitjat bħal dak relatat mal-"programm ta' demografija" u / jew miżuri tal-"Pjan ta' Azzjoni għall-Protezzjoni Ekonomika" (ara hawn taħt). L-awtoritajiet fakkru wkoll fir-regoli u s-salvagwardji li huma fis-seħħ għall-użu tar-riżervi fi ħdan is-sena. Jekk kollox jimxi skont il-projezzjonijiet u jekk ir-riżervi ma jintefqux, dan jista' eventwalment jirriżulta f'baġit ibbilanċjat f'termini nominali fl-2020. Il-persunal tal-Kummissjoni esprima dubji dwar dik il-possibbiltà, filwaqt li nnota li r-riżervi ntefqu b'mod rikorrenti fi tmiem is-sena f'dawn l-aħħar snin u indika prattiki ta' bbaġitjar subottimali.

Il-"Pjan ta' Azzjoni għall-Protezzjoni Ekonomika" għandu l-għan li jsostni t-tkabbir ekonomiku "b'żewġ punti perċentwali aktar mill-medja tal-UE". Il-"Pjan ta' Azzjoni għall-Protezzjoni Ekonomika" adottat mill-gvern fit-30 ta' Mejju 2019 għandu impatt stmat ta' żieda fid-defiċit ta' 1 % tal-PDG fl-2020. Il-miżura ewlenija inkluża fil-Pjan hija l-kontinwazzjoni tat-tnaqqis gradwali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem li beda f'Novembru 2016: il-baġit jinkludi tnaqqis ulterjuri ta' żewġ punti perċentwali. Skont l-awtoritajiet, il-Pjan jaqdi l-protezzjoni tar-riżultati li nkisbu s'issa mill-ekonomija Ungeriża u għandu l-għan li jsostni t-tkabbir ekonomiku li huwa ogħla mill-medja tal-UE b'żewġ pp, anki f'każ ta' tnaqqis fir-ritmu fiż-żona tal-euro u f'pajjiżi sħab oħra. Filwaqt li qablu dwar il-qafas makroekonomiku ġenerali kkaratterizzat minn ambjent estern li dejjem sejjer għall-agħar, l-awtoritajiet enfasizzaw li huma kellhom il-ħsieb li jżommu t-tkabbir ekonomiku għoli permezz tal-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ekonomika. L-awtoritajiet ammettew li, minħabba li l-Ungerija hija ekonomija miftuħa, marbuta mill-qrib mal-UE, tnaqqis sinifikanti fit-tkabbir ekonomiku fil-livell tal-UE ma jippermettix li l-Ungerija ma tiġix affettwata. Għalhekk, ma jeskludux il-possibbiltà ta' Pjan addizzjonali fl-2020, li diġà ssemma mill-Prim Ministru. Id-delegazzjoni, għalhekk, fakkret li l-politika fiskali laxka tal-gvern f'dawn l-aħħar snin probabbilment ikkontribwiet għal domanda eċċessiva fl-ekonomija li wasslet għal inflazzjoni sostnuta. Minħabba li l-Ungerija għandha wieħed mill-ogħla proporzjon ta' nfiq mal-PGD u proporzjon ta' investiment fl-UE, il-missjoni ssottolinjat ir-riskju ta' effetti ta' inflazzjoni li jista' jiskatta nefqa addizzjonali.

L-awtoritajiet indikaw rimarki metodoloġiċi li jikkonċernaw it-trattament statistiku ta' ċerti partiti, b'mod illi ilmentaw dwar standards doppji fl-applikazzjoni tar-regoli. Fil-fehma tal-awtoritajiet, l-infiq ta' tmiem is-sena għandu jitqies bħala tip ta' nefqa ta' darba. L-awtoritajiet irrikonoxxew il-metodoloġija konġuntament maqbula wżata mill-Kummissjoni Ewropea għall-istima

tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Madankollu, minħabba l-proċikliċità tagħha, fil-fehma tagħhom il-metodoloġija wżata mill-Ministeru tal-Finanzi Ungeriż tidher li tirrifletti aħjar is-sitwazzjoni tal-ekonomija Ungeriża. Barra minn hekk, l-awtoritajiet semmew ukoll ir-riżervi li l-Eurostat esprima dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti istituzzjonijiet: (1) il-kwistjoni li ilha teżisti rigward il-klassifikazzjoni tas-settur tal-fondazzjonijiet tal-MNB u s-sussidjarji tagħhom, li għalihom l-Eurostat esprima riżervi dwar il-kwalità tad-*data* rrapportata mill-Ungerija għall-finijiet tal-EDP; u (2) in-natura tal-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Ħażna tal-Idrokarburi (Magyar Szenidlea Keszletezo Szovetseg - MSZKSZ). Fil-fehma tal-Eurostat, li mhijiex kondiviża mill-awtoritajiet, kemm l-MSZKSZ kif ukoll il-fondazzjonijiet tal-MNB għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan il-gvern ġenerali, u dan iżid id-dejn tal-gvern filwaqt li ċ-ċifra tad-defiċit ma tinbidilx. Fil-fehma tal-awtoritajiet, il-Eurostat mhux qed japplika regoli ta' klassifikazzjoni b'mod trasparenti u oġġettiv, li jwassal għal trattament mhux ugwali bejn l-Istati Membri. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet assiguraw li ser isegwu l-gwida tal-Eurostat fil-klassifikazzjoni, u b'hekk jippermettu lill-Eurostat ineħħi r-riżervi fin-notifika tal-EDP li jmiss. Id-delegazzjoni ħadet nota tal-ilmenti tal-awtoritajiet filwaqt li insistiet li l-Eurostat kellha regoli ċari ta' klassifikazzjoni li kienu applikati b'mod ugwali għal kulħadd u saħqet li dawn il-kwistjonijiet tekniċi kellhom jiġu diskussi mal-Eurostat.

Filwaqt li fuq perkors li qed jinżel, il-persunal tal-Kummissjoni indika l-isfidi relatati ma' spejjeż ta' finanzjament għoljin tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika. Id-delegazzjoni rrikonoxxiet l-iżviluppi pożittivi f'dawn l-aħħar snin, inkluż fl-istruttura tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika, b'bidla lejn assi ddenominati fi HUF u sjieda domestika. Fl-istess ħin, dan kien akkost ta' spejjeż ta' finanzjament relattivament għoljin, minħabba wkoll primjums għoljin offruti fuq bonds għall-konsumatur. Dan għandu wkoll effetti distribuzzjonali, peress li l-benefiċċji għandhom it-tendenza li jmorru għand familji aktar sinjuri, filwaqt li l-ispejjeż għoljin jitħallsu mill-kontribwenti kollha tat-taxxa. Id-delegazzjoni ħeġġet lill-awtoritajiet biex jużaw riżervi baġitarji mhux minfuqin biex iħallsu lura bonds li jiswew aktar flus. Skont l-awtoritajiet, din hija deċiżjoni politika. Huma enfasizzaw li, minkejja l-iżvijar f'termini ta' sforz strutturali, id-dejn pubbliku baqa' fuq perkors 'l isfel ukoll bis-saħħa ta' tkabbir tal-PDG nominali ogħla. Il-mira ta' defiċit aktar baxx għall-2020 ukoll tmur fid-direzzjoni ta' livell ta' dejn mal-PDG aktar baxx.

Il-Kunsill Fiskali faħħar il-kisbiet ekonomiċi ta' dawn l-aħħar snin. L-ekonomija kienet sejra tajjeb, b'titjib fis-sostenibbiltà, kemm tal-finanzi pubbliċi kif ukoll tal-ekonomija. Ir-rata ta' tkabbir potenzjali tal-ekonomija kienet żdiedet b'mod sinifikanti matul is-snin (li laħqet 3-3,5 % attwali), appoġġata minn fatturi esterni (kummerċ barrani u rata tal-kambju) u fondi tal-UE. Fil-futur, it-tkabbir potenzjali jkollu jiddependi aktar fuq il-kompetittività u fuq inqas fondi tal-UE. Fil-fehma tal-Kunsill Fiskali, il-pajjiż ikun kapaċi jamministra tnaqqis aktar dgħajjef fir-ritmu ekonomiku, għall-kuntrarju ta' kriżi globali jew tnaqqis akbar fl-ekonomija Ġermaniża li jkun aktar diffiċli li jiġi mmaniġġjat. Fir-rigward tas-sitwazzjoni fiskali, il-Kunsill Fiskali enfasizza li din hija l-ewwel darba li l-awtoritajiet semmew il-possibbiltà li tintlaħaq pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini nominali. Il-Kunsill Fiskali tenna l-argumenti tal-awtoritajiet li l-fatt li fl-2020 intlaħaq baġit ibbilanċjat kienet kwistjoni ta' deċiżjoni politika. Meta ġie mistoqsi dwar il-livell għoli ta' riżervi fil-baġit tal-2020, il-Kunsill Fiskali enfasizza l-importanza li tinżamm il-paċi soċjali. Jekk ir-riżervi ma jintefqux, xi programmi inevitabbilment ibatu, b'mod partikolari f'oqsma sensittivi bħall-investimenti pubbliċi u s-sistema tal-kura tas-saħħa.

Id-diskussjonijiet mal-bank ċentrali ffukaw fuq sinjali potenzjali ta' tisħin żejjed fl-ekonomija. Il-Bank Ċentrali ddiskuta l-projezzjonijiet makroekonomiċi tiegħu li ġew ippubblikati reċentement bil-missjoni. Il-bank ċentrali argumenta li minkejja t-tkabbir ekonomiku mgħaġġel u n-nuqqas ta' ħaddiema, ma deher l-ebda sinjal ta' tisħin żejjed fl-ekonomija u għalhekk ipprefera li s-sitwazzjoni tiġi deskritta bħala ekonomija "bi pressjoni għolja". Fl-2020, il-politika fiskali kienet qed issir dejjem

aktar restrittiva, filwaqt li l-kundizzjonijiet monetarji huma mistennija li jibqgħu akkomodanti. Fl-istess ħin, il-bond ta' bejgħ bl-imnut bi prezz attraenti kien qed jinkoraġġixxi t-tfaddil tal-familji u jrażżan id-domanda spekulattiva għall-akkomodazzjoni. Dejn baxx tal-unitajiet domestiċi fih riskji fis-suq tad-djar. L-inflazzjoni tidher li laħqet il-quċċata tagħha hekk kif il-forzi disinflazzjonarji esterni qed jissaħħu. Il-bank ċentrali argumenta li l-industrija Ungeriża rnexxielha tissepara mill-manifattura Ġermaniża permezz ta' bidliet fl-istruttura tal-prodott tal-industrija tal-karozzi. Il-bank ċentrali kkonferma wkoll li t-teħid bikri tal-"programm demografiku" qabeż l-aspettattivi, iżda sostna li kien relatat l-aktar maż-żmien u d-daqs totali tal-programm ma jistax jiżdied bl-istess kobor. Fl-istess ħin, l-implimentazzjoni ta' sussidji estiżi għall-akkomodazzjoni baqa' inqas milli mistenni fl-ewwel xhur.